MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
DIRETTORAT GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

**Data:** 27 t'April 2020

**Lill-:** Ġenituri tal-istudenti tal-Iskejjel tal-Istat (Primarja)

**Suġġett:** Ġbir ta' Kotba u Pitazzi mill-ġenituri minħabba COVID -19

---

Għeziez Ġenituri/Gwardjani legali,

Wara li ġew ikkonsultati l-Awtoritajiet tas-Saħħa, l-iskola qed tagħtik l-opportunità biex inti tiġi tiġbor kotba, pitazzi, fajls li huma meħtieġa għal waqt it-tagħlim li qed isir onlajn. Dan l-eżerċizzju f'dan il-mument partikolari għandu jinvolvi biss il-ġbir ta' materjal għat-tagħlim u mhux ġbir ta' xi affarijiet oħra.

Għalhekk se jkollkom pakkett bil-kotba u pitazzi meħtieġa mħolli għalikom.

Sadanittant, inti se tingħata data u ħin meta mitluba tiġi tiġbor il-kotba u l-pitazzi. Inti ser tkun qed tiġborhom minn post indikat fl-iskola peress li l-ġenituri/gwardjani legali mhux ser ikunu awtorizzati jidħlu fl-iskola bla permess tal-amministrazzjoni. Il-ġurnata u l-ħin **ma jistgħux jinbidlu** u għandhom ikunu rispettati minn kulħadd.

Ma' dan, infakkrukom li mhux permessibbli li jkun hemm ġemgħa ta' aktar minn tliet persuni u bejn persuna u oħra jrid ikun hemm distanza ta' żewġ metri. L-iskola mhix responsabbli għal dak li jiġri 'l barra mill-bibien tagħha waqt li nfakkrukom fil-multi li hemm stabbiliti f'każ li dawn ma jkunux osservati.

Huwa wkoll essenzjali li kull ġenitur/gwardjan legali għandu jiġi fil-ħin (u mhux qabel), jigbor il-kotba u jitlaq mill-ewwel minn fuq is-sit.

**Importanti ħafna li kulħadd jimxi mal-proċedura li ġiet stabbilità u kulħadd jikkopera kif qed jiġi mitlub.**

Nirringrazzjawkom għall-koperazzjoni tagħkom.

Tislijiet,

Is-Sa. Maria Mc Namara
Direttur Ġenerali
Servizzi Edukattivi

t + 356 2598 2404 e dg.des.educ@gov.mt | www.education.gov.mt